# Xi Avvenimenti f'dawn l-aħħar 100 sena…
# It-Tkabbir u l-Bini tal-Knisja

Brian Vigar

Missirijietna, meta ġew biex jibnu l-knejjes tagħhom, dejjem għamlu l-istess żbalji. Ħarsu lejn il-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien biss, mingħajr ma taw kas ta' dak li seta' jiġri 'l quddiem. Dan forsi seta' sar minħabba nuqqas ta' flus. Biex tibni knisja mill-qiegħ ma tridx sold, iridu jsiru sagrifiċċji kbar, trid tagħti u terġa' tagħti, trid taħdem sakemm tara x-xewqa tal-belt jew raħal tiegħek tiġi mitmuma. Imma jibqa' l-fatt li ma jkunx għadda ż-żmien wisq li ċ-ċokon tal-knisja jibda jinħass, u għalhekk il-ħtieġa li l-knisja titkabbar. U dan ġara f'Tas-Sliema wkoll, fejn il-popolazzjoni kienet qiegħda tikber kuljum.

Diġà fis-sena 1895, ċerta Franġiska de Giovanni, tat lis-superjur ta' dak iż-żmien P. Benedittu Vella OFM, is-somma ta' £260 biex biha jista' jkabbar u jsebbaħ il-kappelluni tal-ġnub. Fil-fatt hemm kitba mnaqqxa fl-irħam fl-artal tal-Madonna tal-Karmnu. F'ittra li sibna fl-arkivju tal-provinċja tagħna u li ġġib id-data tat-22 ta' Ottubru 1912. Felic Grima OFM 1873-1944, iwaqqa' l-faċċata tal-knisja biex, filwaqt li joħroġ iktar 'l barra, jibni fil-vojt li tħalli żewġ kappelli oħra u hekk itawwal il-knisja. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

Fl-4 t'Awwissu 1914 tfaqqa' l-Ewwel Gwerra Dinjija. L-istraġi li ġabet magħha hija magħrufa minn kulħadd. Malta, għalkemm pajjiż żgħir, ma ħarbitx mill-konsegwenzi soċjali, politiċi, ekonomiċi li jħallu warajhom ġrajjiet bħal dawn. Imma biż-żmien kollox jintesa. Issa l-Knisja ta' Sacro Cuor kienet saret Parroċċa fid-29 ta' Settembru 1918, u kellha bħala l-ewwel Kappillan tagħha lil WRP Wig Attard OFM 1864-1931, li minkejja ċ-ċaħdiet ta' qabel biex titkabbar il-Knisja, għamel il-kuraġġ u b'rikors li jġib id-data tat-30 ta' Lulju 1919 talab għal darb'oħra sabiex titkabbar il-Knisja. U għal



*Tkabbir tal-Knisja*



*Ħaddiema jġorru l-knatan biex jibnu l-faċċata l-ġdida*




*1918: Pjanta tal-limiti tal-Parroċċa kif ġew determinati mill-Kurja Arċiveskovili*

darb'oħra l-permess ġie miċħud minħabba l-biża' li ma jinġabrux il-flus meħtieġa biex isir dan ix-xogħol.

Il-Patrijiet ma qatgħux qalbhom. Komplew jiktbu, komplew jitolbu, sakemm it-talba tagħhom ma saritx iktar it-tkabbir tal-Knisja, imma saħansitra t-twaqqif tagħha u l-bini ta' knisja ġdid. Bil-mod il-mod, l-idea li jeħtieġ isir xi ħaġa ssaħħnet u l-1 ta' April 1924, is-superjuri reliġjużi taw il-permess biex tibda tiġi rranġata l-Knisja. Beda l-ġbir tal-flus, li sar tweġiba ġeneruża fin-nies tal-parroċċa. U fit-3 ta' Frar 1930, inbeda x-xogħol tat-tmexxija tal-Perit Rafel Pitre. L-ewwel xogħol kien jikkonsisti fir-rinforzi tal-kolonni taż-żonqor billi madwarhom ġew mibnija l-pilastri, imbagħad inbidel is-saqaf tal-kappelli billi ġie mibdul f'kopletti, wara nħatt is-saqaf tal-knisja li kien għadu bit-travi u x-xorok u ġie mibni forma ta' arkaturi.

Fis-sena 1932, inbeda x-xogħol fuq il-Koppla li ġiet imbierka fl-24 ta' Diċembru 1932. Fiha, maċ-ċirku, hemm skolpiti dawn il-kliem, *Est Virgo Maria Mater amantium Christum per infusionem*



*Ħaddiema jqattgħu l-ġebel fil-barriera qabel jiġu trasportati lejn il-knisja tagħna*

*invisibilis gratiae* San Bernardine ta' Siena. Fil-Kapitlu Provinċjali li ġie ċċelebrat fit-8 ta' Settembru 1933, taħt il-presidenza tal-WRP Pietru Muscat OFM, ġie mogħti l-permess li tinħatt il-faċċata l-qadima u hekk titwal il-korsija tal-Knisja filwaqt li fil-ġnub jinbnew żewġ kappelli ġodda, biex imbagħad tinbena l-faċċata l-ġdida, li jkollha fiha żewġ kampnari. Dan ix-xogħol sar fis-snin 1934-1936 fuq disinn magħmul mill-Perit Rafel Pitre. Il-bennej baqa' dejjem l-istess wieħed Mastru Salv Sapiano ta' Birkirkara.

Il-faċċata l-ġdida tal-Knisja hija stil aktarx koniku iżda mhux pur, b'żewġ ordnijiet maqsuma b'pilastri. Bejn il-pilastri, in-naħa t'isfel jinfetħu 3 bibien, u n-naħa ta' fuq jinfirdu minn tliet niċeċ li fihom tliet statwi, li tnejn minnhom dik ta' San Franġisk u Santa Kjara kienu fil-faċċata l-qadima, filwaqt li t-tielet statwa dik tal-Madonna tas-Sacro Cuor, kienet fin-naħa tal-lemin taz-zuntier. M'għandniex xi ngħidu, b'dan il-bini ġdid tilef ħafna mill-kobor li kellu. Dawn it-tliet statwi flimkien ma' oħra ta' San Ġużepp, li llum naraw iżżejjen il-frontispizju tal-Oratorju ta' ħdejn il-kunvent, inħadmu mill-Iskultur Ġużeppi Vella mir-Rabat. Il-faċċata l-ġdida għandha l-frontispizju li fuqu hemm l-istatwa tal-fidi, li issa naraw mal-ġenb tal-Knisja.

Tagħrif meħud mill-ktieb Is-Sacro Cuor Sliema ta' Mikiel Catania OFM


N. I° Pag. 1
Borg Joannes Bapt.

Anno D.ni Millesimo Nongentesimo Decimo octavo 1918 (19/8) Die vigesima nona (29) Mensis Septembris Ego F. Aloisius Attard Lect. Jub. et Parochus Baptizavi infantem natum die decima quarta hora octava p.m. ex Petro Paulo Borg filio Carmeli et Maria Assumpta filia Calcedonii ambo hujus Parœciæ legittimis conjugibus cui impositum est nomen Jo. Bapt., Calcedonius, Jos. Maria, Salvator, Franc. Patrini fuerunt Joseph Camenzuli filius Calcedonii Parœciæ hujus et Josepha Nicholls filia Pauli Attard Parœciæ hujus.

Pro fide, Ego F. Aloisius Attard Parochus

N. II
Smith Georgius

Anno D.ni Millesimo Nongentesimo Decimo octavo (1918) (19/8) Die vigesima nona (29) Mensis Septembris Ego F. Aloisius Attard Parochus Baptizavi infantem natum die vigesima secunda hujus hora media a.m. ex Guillelmo Smith filio Davidis et Helena Camilleri filia Pauli ambo hujus Parœciæ legittimis conjugibus cui impositum est nomen Georgius, Salvator, Angelus + Patrini fuerunt Joseph Pace filius quondam Angeli Parœciæ Terrae Marsa et Francisca Camilleri filia quondam Pauli Parœciæ hujus.

+ Edgardus, Franciscus

Pro fide, Ego F. Aloisius Attard Parochus

LIBER BAPTIZATORUM

*L-ewwel żewġ magħmudijiet reġistrati fir-reġistru tal-parroċċa kienu Giov. Battista Borg, George Smith li saru nhar id-29 ta' Settembru 1918, Jum it-Twelid tal-Parroċċa*

